# Ikkuntattjana

Il-Klinika għall-Benesseri tal-Ġeneru hija bbażata fl-Imtarfa u ilha topera b'suċċess minn Novembru 2018. Hija toffri servizzi speċjalizzati mmirati għal individwi trans, intersess u gender-queer.

Jista' jsirlek riferiment għall-klinika billi tikkuntattja lit-tabib tal-familja tiegħek, psikologu/counsellor jew ħaddiem soċjali tal-fiduċja tiegħek. Il-formola tar-riferiment tista' tiġi aċċessata minn fuq il-portal online tal-Ministeru għas-Saħħa.


**79500299**
**transhealthcare.health@gov.mt**
**www.transhealth.gov.mt**


# Xi fatti:

Il-Klinika għall-Benesseri tal-Ġeneru rċeviet madwar 180 riferiment fl-ewwel 24 xahar mit-twaqqif tagħha.

Fil-ħames snin mindu daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess, kien hemm aktar minn 120 persuna li fittxew rikonoxximent legali tal-ġeneru.

Skont l-Istħarriġ II tal-UE dwar l-LGBTI, 36 % tal-persuni trans jirrapportaw li jgħaddu minn interventi biex ibiddlu ġisimhom sabiex ikun jaqbel aħjar mal-identità tal-ġeneru tagħhom.


**Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem**
A3 Towers, Level 0,
Triq l-Arkata
Paola PLA1211

www.humanrights.gov.mt
www.facebook/HRDmt



Dan il-proġett huwa ko-finanzjat mill-Programm *tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza* (REC) tal-Unjoni Ewropea


# GĦIX ĦAJTEK

## Servizzi tas-Saħħa għall-Komunitajiet Trans u ta' Ġeneru Mhux Konformi (Gender-Queer)

## Introduzzjoni

Il-kura tas-saħħa inklużiva għall-persuni transġeneru tista' żżid profondament il-kwalità tal-ħajja għall-persuni transġeneru. Malta adattat il-leġiżlazzjoni tagħha biex tipprovdi l-possibbiltà ta' kura tas-saħħa mingħajr ħlas biex b'hekk tilqa' għall-ħtiġijiet speċifiċi relatati mal-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess.

Dawn is-servizzi huma pprovduti minn tim kliniku multidixxiplinarju ewlieni stabbilit biex jieħu ħsieb il-ħtiġijiet tal-persuni transġeneru. Dan huwa magħmul minn kliniċisti eżistenti li jaħdmu fi ħdan is-servizzi tas-saħħa pubblika minn kull waħda mill-ispeċjalitajiet mediċi li ġejjin: l-endokrinoloġija, l-uroloġija, il-ġinekoloġija, il-kirurġija plastika u l-psikjatrija, flimkien ma' psikologi, ħaddiema soċjali, terapisti tal-familja, patoloġisti tad-diskors u infermiera koordinatur.

Is-servizzi speċjalizzati jiġu pprovduti fuq bażi ta' outpatient permezz tal-Klinika għall-Benesseri tal-Ġeneru.

## X'inhuma s-servizzi offruti?

Is-servizzi pprovduti mill-Klinika għall-Benesseri tal-Ġeneru bħala parti mis-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali sal-lum jinkludu: Appoġġ Psikosoċjali;

Appoġġ għall-Familja; Kura Endokrinoloġika Speċjalizzata; Appoġġ Psikjatriku Speċjalizzat; Terapija tal-Vuċi; Appoġġ Ġinekoloġiku u Appoġġ Uroloġiku Speċjalizzat; Kliniċi ġinekoloġiċi speċjalizzati għal irġiel trans huma organizzati wkoll fl-ambitu ta' din il-klinika biex jipprovdu aċċess lill-utenti għal servizzi ta' skrinjar speċifiċi għall-ġeneru. Il-preservazzjoni tal-Gameti hija possibbli wkoll permezz tal-ART Clinic f'Mater Dei.

Il-kirurġiji disponibbli bħalissa jinkludu l-orkjektomija, l-isterektomija u t-trattament tal-fertilità.

Mhux koperti bħalissa: il-vaġinoplastija; il-falloplastija u t-tneħħija tax-xagħar.



## Evalwazzjoni u appoġġ psikosoċjali

Malli jsir riferiment għall-klinika minn tabib tal-familja, ħaddiem soċjali jew psikologu, bl-użu ta' formola ta' riferiment speċifika li tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit web tas-saħħa, tiġi skedata laqgħa mal-persuna trans. L-iskop ta' din huwa li tinġabar l-istorja medika rilevanti u jiġu identifikati l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-individwu. Imbagħad jiġi ppjanat il-perkors tal-kura mit-tim multidixxiplinarju flimkien mal-persuna trans innifisha.

Il-klinika ssegwi l-istandards tal-Assoċjazzjoni Professjonali Dinjija għas-Saħħa ta' Persuni Transġeneru ('World Professional Association for Transgender Health' - WPATH) adattati għall-qafas legali ta' Malta u approċċ ibbażat fuq il-kunsens informat għall-kura.

L-appoġġ psikosoċjali huwa komponent kruċjali u huwa disponibbli matul il-proċess kollu ta' tranżizzjoni. Dan l-appoġġ huwa disponibbli wkoll għall-membri tal-familja u għal individwi oħrajn qrib tal-persuna kkonċernata. Filwaqt li mhux kulħadd jista' jħoss il-ħtieġa ta' appoġġ għas-saħħa mentali, xi wħud jistgħu jsibu dan is-servizz ta' għajnuna.



## Terapija bl-ormoni

Ħafna persuni trans ifittxu li jallinjaw id-dehra fiżika tagħhom mal-identità tal-ġeneru tagħhom u għal xi wħud din tkun tinkludi terapija bl-ormoni. Fil-klinika jiġi pprovdut trattament bl-ormoni, akkumpanjat minn laqgħat ta' segwitu perjodiċi, sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-persuna.

L-identità tal-ġeneru tat-tfal u tal-adoloxxenti tista' xi drabi tkun fluwida. Fil-każ ta' minorenni (15-il sena u inqas), jistgħu jiġu preskritti imblokkaturi tal-pubertà wara konsultazzjoni mal-endokrinoloġista pedjatriku. L-effetti ta' tali trattament ġeneralment ikunu riversibbli u jippermettu żmien biżżejjed lill-persuna adoloxxenti biex tesplora b'mod seren l-identità tal-ġeneru tagħha mingħajr l-iskumdità addizzjonali li jista' jikkawża l-ġisem fil-fażi tal-pubertà.

## Proċeduri kirurġiċi disponibbli f'Malta

Minħabba n-natura irreversibbli tal-biċċa l-kbira tal-proċeduri kirurġiċi, it-tim kliniku jiżgura li l-persuna li tkun qed tfittex trattament tkun f'pożizzjoni li tagħti l-kunsens informat tagħha. It-tneħħija tal-utru u tal-ovarji fl-irġiel trans u t-tneħħija tat-testikoli fin-nisa trans jistgħu jitqiesu bħala komplementarji għat-trattament bl-ormoni minħabba li jneħħu s-sors tal-ormoni tal-ġeneru.

## Terapija tal-komunikazzjoni

Patologu tad-diskors u tal-lingwa jassisti lill-klijenti waqt it-taħriġ tal-vuċi biex jiżviluppaw ċerti karatteristiċi vokali u xejriet mhux verbali li jappoġġaw l-identità tal-ġeneru tagħhom. Dan jgħin lill-individwi jintegraw aħjar fis-soċjetà.

